MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 499/2008

**WALDONET LIMITED (C19194)**

**vs.**

**AVAILACALL LIMITED (C36449)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil- 15 ta' Mejju, 2008, li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta' mħarrka, biex tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' mija u sitta u għoxrin elf u disgħa u tmenin euro u sitta u għoxrin ċenteżmi (€126,089.26) li tirrappreżenta l-bilanċ ta' prezz ta' *internet connectivity services,* u servizzi relatati u anċillari provduti minnha fuq talba ta' l-istess kumpannija mħarrka,

u mgħax legali miġmugħ sa' dakinhar. Talbet ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali interjuri u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimata li naqset li tidher meta ssejħet il-kawża, u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet lir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' intimata tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lis-soċjeta' mħarrka, biex tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' €126,089.26
rappreżentanti s-servizzi fuq imsemmija u mgħax miġmugħ, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-8 ta' Mejju, 2008 , sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) **Tikkundanna** lis-soċjeta' mħarrka tħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**
**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------